**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**
**ĠUDIKATUR**

**DR. Anna Mallia**

Seduta tas-27 ta' Ottubru 2017

Talba Numru: 401/2016/AM3

Numru fuq il-Lista: 26

**World Water Fisheries Limited (C24129)**

**22, Mensija Road,**

**San Gwann SGN 1608**

**vs**

**Federica Mei (0082282A)**

**Arigato Restaurant**

**Fortina Resort**

**Tigne Seafront First Floor**

**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet minghand il-konvenuta is-somma ta' elf mitejn erbgha u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,244.94c) ghal bilanc ta' prezz

ta' prodotti mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici lil konvenuta fuq ordni taghha stess li baqa' ma thallasx;

Ra li n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017 li permezz taghha s-socjeta' attrici prezentat estratt mir-Registru Elettorali li juri li l-konvenuta ghadha registrata fil-karta tal-identita' taghha fl-indirizz 58 flat 3, Triq Censu Decandia, Hal Luqa.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni kemm f'dan l-indirizz fejn hija registrata li tirrisjedi cioe' fil-fond numru 58 flat 3 Triq Censu Decandia, Hal Luqa u kif ukoll fil-fond Arigato Restaurant, Fortina Resort, Tigne Seafront, First Floor, Sliema kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deheret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Illi fis-seduta tal-04 ta' Lulju, 2017 deher Dr Karl Briffa u informa lit-Tribunal li l-konvenuta ma tirrisjedix Malta izda l-Italja izda ma ghandux indirizz taghha.

It-Tribunal jirrileva li l-konvenuta giet debitament notifikata fl-24 ta' Mejju, 2017 u ebda prova ma gab Dr Briffa li l-konvenuta dakinhar li saret l-affissjoni u pubblikazzjoni ma kienetx Malta.

Li ghalhekk it-Tribunal fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017 ddikjara li n-notifika lil konvenuta bl-Avviz tat-talba u bid-data tas-smigh tal-kawza hija valida ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema' rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u erbgha u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,244.94c) bl-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi li jinsabu a fol 2 tal-process mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez  inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**